Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10815 – DEUTSCHE TELEKOM / ORANGE / TELEFONICA / VODAFONE / JV)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 12/08)

1. Fis-6 ta' Jannar 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Deutsche Telekom AG ("Deutsche Telekom", il-Ġermanja),

— Orange SA ("Orange", Franza),

— Telefónica, S.A. ("Telefonica", Spanja),

— Vodafone Group plc ("Vodafone", ir-Renju Unit).

Deutsche Telekom, Orange, Telefónica u Vodafone se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' impriża bi sħab ġdida (joint venture, JV).

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Deutsche Telekom hija operatur multinazzjonali tat-telekomunikazzjoni b'attivitajiet f'aktar minn 50 pajjiż madwar id-dinja li jipprovdu servizzi tat-telekomunikazzjonijiet mobbli u/jew fissi kif ukoll aċċess għall-internet, televiżjoni u prodotti tat-teknoloġija,

— Orange hija operatur multinazzjonali tat-telekomunikazzjoni b'attivitajiet f'27 pajjiż madwar id-dinja li jipprovdu firxa wiesgħa ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika prinċipalment fil-qasam tat-telekomunikazzjoni fissa u mobbli u l-aċċess għall-internet kif ukoll is-servizzi tat-telekomunikazzjoni lil kumpaniji multinazzjonali,

— Telefónica hija operatur multinazzjonali tat-telekomunikazzjoni u fornitur tan-network mobbli b'attivitajiet prinċipalment fl-Ewropa, fir-Renju Unit u fl-Amerka t'Isfel li jipprovdu servizzi mobbli, fissi, tal-internet u tat-televiżjoni,

— Vodafone hija operatur multinazzjonali tat-telekomunikazzjoni b'attivitajiet f'21 pajjiż b'mod predominanti fl-Ewropa u fl-Afrika li jipprovdu servizzi tat-telekomunikazzjoni mobbli, servizzi tat-telefonija fissa u servizzi bl-imnut tat-televiżjoni u tat-teknoloġija.

3. Il-JV se tkun attiva fil-provvista ta' soluzzjoni ta' identifikazzjoni diġitali biex tappoġġa l-kummerċjalizzazzjoni diġitali u l-attivitajiet ta' reklamar ta' ditti u pubblikaturi.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10815 – DEUTSCHE TELEKOM / ORANGE / TELEFONICA / VODAFONE / JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË